14 ta' April, 1947.
Imħallfin :
Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*
L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.
L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.

Michele Cefai *versus* Angelo Cutajar et.

**Intervent fil-Kawża — Sentenza — Nullità — Ġurisdizzjoni — Kompetenza — Board tal-Kera.**

*L-intervenut "in statu et terminis" jista' bil-permess tal-Qorti jissolleva kwalunkwe eċċezzjoni, anki biex juri difett ta' ġurisdizzjoni, jew ta' proċedura; u allura l-Qorti, li fil-każ ta' nuqqas ta' ġurisdizzjoni għandha tinvesti l-kwistjoni anki "ex officio", ikollha teżamina dik l-eċċezzjoni li tiġi sollevata.*

*Il-kwistjoni jekk liġi jew sentenza, jew kwalunkwe skrittura oħra vinkolanti, ġietx magħmula skond il-liġi u maħruġa mill-organamenti kostitwiti skond il-liġi tal-pajjiż, teżorbita mill-ġurisdizzjoni ta' Board speċjali, avvolja tkun ġiet mogħtija minn dak il-Board.*

*Għalhekk, biex jiġi diskuss u deċiż jekk sentenza mogħtija mill-Board tal-Kera hijiex nulla jew le għar-raġunijiet fuq imsemmija, huma kompetenti t-tribunali ordinarji.*

*Il-Qorti* — Rat il-libell ta' l-attur quddiem il-Board li jirregola l-Kera ta' Għawdex, fejn ippremetta illi dak il-Board, per mezz ta' sentenza tas-6 ta' Settembru 1946, laqa' t-talba ta' Angelo Cutajar għall-iżgumbrament mill-post imsemmi fil-libell, mentri ordna lill-istess Cutajar biex jagħti lura ċ-ċwievet tal-post fi Triq Via Mgiarro, Qala, taħt penali ta' £50 kemm il-darba Cutajar jikri lil ħadd ieħor il-post fi Triq nru. 1, Hondoq ir-Rummien, Qala, fi żmien sentejn, bl-ispejjeż kontra l-libellant; illi dik is-sentenza hija nulla u għalhekk inattendibili, billi l-Maġistrat li ippresjeda l-Board u ppronunzja dik is-sentenza ma kellux il-kwalifiki kollha rikjesti mill-liġi, billi ma ħax il-ġurament preskritt mill-art. 18 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, u l-istess mhijiex fondata u ġusta; u għalhekk talab illi dik is-sentenza tiġi dikjarata nulla, billi, jekk ikun il-każ, ir-rikors jiġi ritrattat mill-ġdid;

*Omissis;*

Rat id-deċiżjoni mogħtija mill-Board fuq imsemmi, fejn ġie *ritenut illi* l-Maġistrat li *ppresjeda* fuq dak il-*Board huwa* kompetenti biex jieħu konjizzjoni ta' dan il-libell billi għandu l-kwalifiki kollha rikjesti mill-liġi u billi huwa ħa l-ġurament ritwali kontemplat fl-art. 10 u 18 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili; spejjeż riżervati;

Rat ir-rikors tal-libellant fejn talab illi jiġi deċiż illi l-Maġistrat Dr. *Vincenzo Refalo* ma setax jippresjedi l-Board, u *għalhekk dak mhux legalment* kostitwit, billi huwa ma *setax* jieħu konjizzjoni tal-kawża f'dik l-eċċezzjoni billi *tirrigwarda* lilu stess, u għaliex għadu ma ħax il-ġurament preskritt mill liġi; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Rat ir-rikors ta' l-Onorevoli Sir David Campbell, bħala *Lwogotenent Gvernatur*, fejn talab li jiġi ammess "in statu et *terminis*", u d-digriet ta' din il-Qorti tat-28 ta' Frar 1947 li bih dik it-talba ġiet milqugħa;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi ġie deċiż anki *reċentement* minn din il-Qorti illi dak li jiġi *ammess* "*in statu et terminis*" jista', bil-permess tal-*Qorti, jissolleva* kwalunkwe *eċċezzjoni* biex juri anki *difett tal* proċedura, jew nuqqas ta' ġurisdizzjoni; u allura l-*Qorti*, li fil-każ ta' nuqqas ta' ġurisdizzjoni għandha *tinvesti* l-kwistjoni anki "ex officio", ikollha *teżamina* dik l-eċċezzjoni li tkun ġiet hekk sollevata;

*Tikkunsidra;*

*Illi l-libellant* qiegħed jippretendi li s-sentenza profferita *kienet nulla, preċiżament* għaliex il-Board ma kienx *legalment* kostitwit, peress illi allega illi l-President ta' dak il-Board, li huwa maġistrat, ma kienx ħa l-ġurament skond l-art. 18 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili. Dan ... i li l-eżami tal-kwistjoni jaqa' kollu u *jirraġġira* ruħu fil-kwistjoni jekk dak il-Board kienx legalment kostitwit skond il-liġi li qiegħda *tikkostitwieh*, jekk ċjoè l-*President* tiegħu kienx maġistrat *jew* imħallef kif trid il-liġi u bil-kwalifiki kollha tal-liġi. Din il-

kwistjoni, hija ħaġa ċara, teżorbita mill-ġurisdizzjoni tal-Board, għaliex huma t-tribunali ordinarji dawk li għandhom jaraw jekk liġi, jew sentenza, jew kwalunkwe skrittura oħra vinkolanti ġietx magħmula jew le skond il-liġi, u maħruġa minn dawk l-organamenti kostitwiti skond il-liġi tal-pajjiż, għalkemm dik is-sentenza tkun profferita minn Board speċjali; iżda la darba ġiet profferita, biex ikun diskuss, eżaminat u deċiż jekk hijiex nulla jew le għar-raġunijiet fuq miġjuba, huwa meħtieġ li jkunu aditi t-tribunali ordinarji;

Tikkunsidra;

Illi għalhekk din il-kawża mhijiex ta' ġurisdizzjoni tal-Board, u għalhekk kwalunkwe eċċezzjoni bħal dik li ġiet mogħtija quddiem l-istess Board taqa' la darba l-Board "ut sic" ma jistax ikollu ġurisdizzjoni biex jisma' dik il-kawża;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tilqa' l-eċċezzjoni sollevata mill-intervenut fil-kawża Sir David Campbell nomine, u tiddikjara u tiddeċidi illi din il-kawża mhijiex ta' ġurisdizzjoni tal-Board tal-Kera, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellant; u għalhekk tiddikjara li ma hemmx lok tkun eżaminata l-kwistjoni devoluta f'dan l-appell; l-ispejjeż ta' din l-aħħar dikjarazzjoni ma jkunux taxxati bejn il-partijiet.